MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 849/2005

**Philip Busuttil (I.D. 414259 M) u martu Carmen Busuttil (I.D. 51461 )**

**v.**

**Emanuel Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Peress illi bi skrittura ta' lokazzjoni datata 15 ta' Dicembru 2003 (anness Dok 'A') l-atturi krew lill-konvenut il-garage bla numru, minghajr arja relattiva, jismu 'Saint Joseph',

Gzira Road, Gzira ghall-perjodu ta’ sitt (6) snin li beda jiddekorri mill-15 ta’ Dicembru 2003 taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet indikati fl-istess skrittura ta’ lokazzjoni;

Premess illi l-konvenut naqas milli jhallas il-kera dovuta ai termini ta’ l-imsemmija skrittura ta’ lokazzjoni, senjatament naqas milli jhallas il-kera dovuta ghall-perjodu bejn il-hmistax (15) ta’ April tas-sena elfejn u erbgha (2004) u l-erbatax (14) ta’ Settembru tas-sena korrenti elfejn u hamsa (2005) liema kera tammonta ghal hamest elef u sebghin Lira Maltija (Lm5,170).

Premess illi parti mill-imsemmi ammont, senjatament is-somma ta’ elfejn, seba’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm2,750), rapprezentanti arretrati ta’ kera ghall-perjodu bejn il-15 ta’ April 2004 u l-15 ta’ Dicembru 2004 oltre l-imghax u l-ispejjez, dovut mill-konvenut lil esponenti ai termini ta’ l-imsemmija skrittura ta’ lokazzjoni datata 15 ta’ Dicembru 2003, diga giet kanonizzata a favur l-istess atturi permezz ta’ sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Philip Busuttil et v. Emanuel Spiteri (Avviz Numru 14/05 MM) deciza fit-23 ta’ Mejju 2005.

Premess illi l-konvenut, minkejja l-imsemmija sentenza u minkejja li gie interpellat ripetutament sabiex ihallas l-imsemmija arretrati (annessi Dok. ‘B’ sa Dok. ‘J’), naqas milli jaghmel hekk u huwa ghalhekk inadempjenti ai termini ta’ l-imsemmija skrittura ta’ lokazzjoni.

Premess illi konsegwentement ghall-imsemmija inadempjenza da parti tal-konvenut, l-atturi huma ntitolati li jitolbu r-rizoluzzjoni ta’ l-imsemmija lokazzjoni u l-konsegwenti zgumbrament tal-konvenut mill-garage bla numru, minghajr l-arja relattiva, jismu ‘Saint Joseph’, Gzira Road, Gzira.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. tiddikjara u tiddeciedi li, ghar-ragunijiet premessi, il-konvenut huwa inadempjenti ai termini ta’ l-imsemmija

skrittura ta’ lokazzjoni datata 15 ta’ Dicembru 2003 (anness Dok. ‘A’);

2. tiddikjara r-rizoluzzjoni tal-lokazzjoni regolata bl-imsemmija skrittura datata 15 ta’ Dicembru 2003 (anness Dok. ‘A’);

3. tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-garage bla numru, minghajr l-arja relattiva, jismu ‘Saint Joseph’, Gzira Road, Gzira entro terminu qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu u b’rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lil atturi fil-konfront tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat li c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas illi jipprezenta Nota ta’ Eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet lil avukat ta’ l-atturi;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

**DECIZJONI**

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni u ghall-fini tat-tielet talba tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-garage bla numru, minghajr arja relattiva, jismu ‘Saint Joseph’, fi Gzira Road Gzira u ghal dan il-ghan tipprefiggi terminu improrogabbli ta’ hmistax (15) il-jum mid-data ta’ din is-sentenza.

Spejjes ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------